**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**JeanFred Vella**

**Kumpilazzjoni Numru: 1429/2011**

**Illum, 18 ta' Mejju 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat JeanFred Vella ta' 27 sena iben Edwin u Anna nee Frendo imwieled il-Pieta' fit-3 ta' Novembru 1984, residenti gewwa Blk 5 Bieb 16, Fl 2, fuq San Pawl Bormla, detentur tal-karta tal-identita' 531184M talli:

Nhar id-29 ta' Settembru 2007 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) gewwa Triq il-Malvizz il-Fgura u f'dawn il-gzejjer volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe' fuq vettura tat-tip Audi 80 bin-numru tar-registrazzjoni EAL274 ghad-dannu ta' Lawrence Grech id:621647M liema ammont tal-hsara ma jiskorrix elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma jeccedi l-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).

Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi zamm, gar, uza, akkwista jew kellu pussess ta' arma tan-nar filwaqt li kien qed jaghmel reat u cioe' hsara volontarja fi proprjeta' ta' haddiehor.

Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanza, garr barra minn xi fond jew dintorni tieghu, jew kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr ma kellu licenzja tal-kummissarju tal-pulizija.

Akkuzat ukoll talli wettaq reat volontarju taht xi ligi li ma hiex taht l-Att dwar l-armi bhala detentur ta' licenzja ta' arma tan-nar li ghandha licenzja taht l-Att dwar l-armi.

U aktar talli minghajr licenza tal-Pulizija, spara armi tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tieghu, jew fit-toroq pubblici, jew fil-portijiet.

Talli wkoll garr arma tan-nar, sew jekk ikkargata jew m'hix, li ma kinitx qeghda fil-ghata taghha, jew spara xi arma ohra tan-nar, waqt li kien inqas minn 200 metru minn kwalunkwe belt jew rahal, jew f'postijiet ohra abitati, jew inqas minn 50 metru minn toroq principali u arterji.

B'hekk sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini 49, 50 u 289 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li minbarra l-piena skont il-ligi tordna l-konfiska tal-corpus delicti, f'dan il-kaz l-arma (pistola tal-arja) tal-ghamla GAMO bin-numru 04-4C-003575-03 li servit jew li kien mahsub li servit sabiex isir id-delitt, u dan bi ksur tal-artikolu 23 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll illi f'kaz ta' sejbien ta' htija thassar jew tissospendi licenza mahruga taht l-Att dwar l-Armi u tipprojbixxi lil JeanFred Vella milli jkollu xi licenza ghal zmien li jidrilha xieraq il-qorti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrisali ghad-29 ta' Settembru 2007.

Mix-xhieda ta' l-ex Spettur Jesmond Borg jirrizulta li f'din il-gurnata il-Pulizija rceviet rapport li fi Triq Malvizz gewwa l-Fgura kien hemm ragel li kien spara diversi tiri fuq vettura Audi 80 ta' lewn bajdani bin-numru ta' registrazzjoni EAL 274 li kienet registrata f'isem Lawrence Grech. Din il-vettura kien qieghed juzaha Jeffrey Grech, iben Lawrence. Mill-verifiki li

saru mill-istess Spettur fil-hin li gew sparati t-tiri ma kien hemm hadd fil-vettura izda Grech kienu fir-residenza taghhom u semghu t-tiri. Jeffrey Grech kien qal lill-pulizija li huwa ra lill-persuna li kkagunat din il-hsara ossija ragel li kien qieghed isuq Mitsubishi Lancer. In segwitu ta' dan gew nominati pulizija tal-forensika biex jiffotografaw il-hsara fuq il-vettura u hadu sett ta' ritratti li gew ezebiti in atti. L-ahwa Grech intalbu jipproducu stima tal-hsarat u talabhom ukoll id-dettalji tal-persuna li kienu qeghdin jallegaw li ghamlitilhom din il-hsara u jekk kienux jafuh. Huma kkonfermawlu li ftit tal-hin qabel gewwa Bormla kellhom glieda ma' l-imputat u huma sostnew li wara li spiccat dik il-glieda kien telgha hdejn ir-residenza taghhom u kkaguna l-hsara.

Mill-istharrig li l-istess xhud wettaq irrizulta li l-imputat kellu registrata fuq ismu pistola tal-ghamla Gamo li hija pistola tal-arja[1]. Mid-dokument ezebit jirrizulta li l-imputat kellu Collector Licence B: Ghaz-Zamma ta' Kollezzjoni t'Armi sa 50 (8B/1). Sussegwentement fit-3 ta' Ottubru 2007 meta kienu qeghdin isiru dawn l-investigazzjonijiet l-imputat ittiehed l-ghassa izda qabel saret tfittxija fir-residenza tieghu minn liema tfittxija ma kien irrizulta xejn. Fil-bidu JeanFred Vella cahad l-involviment tieghu f'dan l-incident izda ammetta li kellu incident gewwa Bormla. Biss pero' eventwalment ikkonferma li kien huwa li ghamel il-hsara fuq il-windscreens ta' quddiem u ta' wara, fil-quarter window u diversi hsarat ohra. JeanFred Vella volontarjament gab l-arma li ntuzat flimkien mal-pellets li kien hemm liema arma giet ezebiti f'dawn l-atti bhala Dok JB3. L-imputat imbaghad kien irrilaxxja l-istqarrija li giet ezebita bhala Dok JB4.

Lawrence Grech[2] li kellu l-vettura li garbet il-hsarat registrata fuqu kkonferma li din kienet tintuza minn ibnu Jeffrey u li kienu sarulha xi hsarat. Huwa xehed li xahar wara l-akkadut nehha din il-karozza. Huwa ma jafx biex saru l-hsarat u lanqas kif sehh l-incident ghaliex ma kienx fir-residenza. Huwa xehed li ma ghandu l-ebda pretensjoni fil-konfront ta' min ghamillu tali hsarat u ghalhekk ma jrid xejn minghand l-imputat.

Jeffrey Grech ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri biex ma jinkriminax ruhu.

PS1495 Joseph Muscat[3] kien is-surgent li rcieva r-rapport u kellem lill-imputat li kien cahad l-involviment tieghu. Huwa esebixxa zewg stejjem[4] li gew mghoddija lilu minn Jeffrey Grech.

---

1 Dok JB2 a fol 25 tal-process
2 Seduta tas-27 ta' Frar 2012
3 Seduta tas-27 ta' Frar 2012
4 Dok JB6 u JB7

L-imputat irrilaxxja stqarrija fit-3 ta' Ottubru, 2007 wara li inghata t-twissija li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq jitkellem, imma dak li kien se jghid jista' jingieb bi prova. F'din l-istqarrija huwa kkonferma li kien isuq karozza tal-marka Mitsubishi Lancer bin-numru tar-registrazzjoni DBB 954. L-imputat ammetta li kien huwa li fid-29 ta' Settembru 2007 ghall-habta tat-3.00p.m. spara bil-pistola tal-arja fuq karozzi ta' l-ghamla Audi 80 bin-numru ta' registrazzjoni EAL 274 filwaqt li din il-karozza kienet ipparkeggjata fi Triq il-Malvizz gewwa l-Fgura. Huwa spjega li ftit tal-hin qabel, ghall-habta tas-1.00p.m., filwaqt li kien f'daru f'Bormla, ra lil zewgt ahwa li jaf li joqghodu l-Fgura u dawn bdew jargumentaw ma' ragel ezatt hdejn il-mutur ta' l-imputat. Billi l-imputat beza' li kienu se jaghmlulu xi hsara fuq il-mutur tieghu nizel isfel u qalilhom sabiex ma jaghmlulux hsara. Huwa allega li dawn l-ahwa hebbew ghalih u kif huwa waqfilhom wiehed mill-ahwa hareg box spanner mill-wara tal-karozza u mar biex jaghmel ghalih filwaqt li huh l-iehor qabad kanna tal-jack tal-karozzi u kif l-imputat kien qieghed jipprova jahrab dan tah daqqa ta' kanna fuq rasu. Huwa sostna wkoll li qala' diversi daqqiet f'partijiet ohra ta' gismu. Wiehed mill-ahwa pprova wkoll jaghmillu l-hsara fuq il-mutur tieghu izda ma rnexxilux billi gie mizmum minn xi ragel. Dak il-hin l-imputat ighid li harab minn fuq il-post u mar jaghmel rapport l-ghassa ta' Bormla. Qal li wara skopra li dawn l-ahwa kienu allegatament faqawlu l-windscreen tal-karozza tieghu u taw daqqa fuq il-bumper ta' wara tal-karozza u peress li kien jaf fejn joqoghdu dawn l-ahwa ddecieda li jaghmel il-hsara fuq il-karozza taghhom bhalma huma ghamlu fuq tieghu. Ghalhekk saq ghall-Fgura u kif ra l-karozza taghhom ipparkjata quddiem il-bieb beda jispara fuq il-windscreens tal-karozza taghhom u harab minn fuq il-post.

Illi, fir-rigward tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat, wiehed ma jridx jinsa dak illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-Prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (Artikolu 658 tal-Kodici Kriminali).

Illi proprju rigwardanti tali stqarrija waqt it-trattazzjoni l-avukat difensur ta' l-imputat irrilevat li qabel ma tali stqarrija ttiehdet l-imputat ma nghatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu. Proprju rigwardanti dan il-punt din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Justin Joseph Darmanin** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[5] fejn gie ritenut:

*"Li l-ewwelnett il-pozizzjoni dwar l-istqarrijiet tbiddlet minn dak li kien deciz 'Il-Pulizija kontra Alvin Privitera Qorti Kostitużżjonali' mis*-sentenza

[5] Fid-29 ta' April, 2014

*'Charles Steven Muscat kontra l-Avukat Generali' 'il quddiem. Fil-fatt fil-każ 'Charles Stephen Muscat kontra l-Avukat Generali', deciz fit-8 t'Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali kellha dan xi tghid dwar l-istqarrija maghmula minn akkuzat minghajr assistenza ta' avukat:*

*' 26. Relevanti wkoll dak li jinghad fil-para. 54: "This right [to assistance by a lawyer] indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused". Fil-kaz tal-lum ma saret ebda allegazzjoni ta' theddid, vjolenza jew abbuz.*

*27. Ghandu jinghad ukoll illi l-Qorti Ewropea wkoll fl-istess kaz ta' Salduz osservat illi l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal ghal ksur tal-jedd ghal smigh xieraq fil-kaz biss li, minhabba f'hekk, il-gustizzja tal-process tkun kompromessa:*

*'Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions[6].*

*28. Naraw issa kif dawn il-principji jolqtu l-kaz ta' llum.*

*29. Fil-kaz ta' llum l-attur kien ragel matur li ga kien qieghed jiskonta sentenza fil-facilita korrettiva meta kien interrogat: l-istqarrija ghamilha fis-7 ta' Awissu 2002 u kien ilu l-habs mill-1994. Kellu esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ohra ta' vulnerabilita hekk li facilment ikun intimidit bl-ambjent fejn issir l-interrogazzjoni. Ghalhekk, ma hemmx il-fattur li wassal ghal sejbien ta' ksur tal-jedd ghal smigh xieraq fil-kazijiet ta' Il-Pulizija v. Esron Pullicino[7], fejn il-persuna interrogata kienet ghadha minorenni, u ta' Il-Pulizija v. Alvin Privitera[8], fejn il-persuna interrogata kienet ilha biss erba' xhur li għalqet it-tmintax-il sena.*

*30. F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-kaz ta' Paskal v. l-Ukrajna[9]: "the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed"[10]."*

---

[6] Salduz v. it-Turkija, para. 50

[7] Q. Kost. 12 ta' April 2011, rik. 63/2009.

[8] Q. Kost. 11 ta' April 2011, rik. 20/2009.

[9] Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, 15 ta' Settembru 2011

[10] Para 78

*31. Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx. Kif rajna, din l-ghazla seta' jaghmilha bla konsegwenzi ta' xejn u ghalhekk ghamilha b'liberta shiha. Ma hemm ebda xiehda u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'weghdiet ta' xi vantagg. Din il-liberta' fl-ghazla jekk iwegibx jew le taghti garanzija kontra kull pregudizzju minhabba awtoinkriminazzjoni.*
*32. Relevanti wkoll il-fatt illi sakemm fetah il-kawza tal-lum fit-2 ta' Dicembru 2010 – wara li kienet maghrufa s-sentenza ta' Salduz – l-attur qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li qal fiha. Dan huwa sinjal li l-attur stess ma kienx qiegħed ihoss illi tqieghed taht svantagg ingust bl-istqarrija li, wara kollox, ghamilha liberament."*

Illi din il-Qorti se tadotta dawn l-insenjamenti. Infatti jirrizulta mill-atti li l-imputat fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija kien se jaghlaq 23 sena. Mill-fedina penali tieghu u mis-sentenza ezebita jirrizulta li huwa kien diga' tressaq il-Qorti snin qabel fuq serq u nstab hati u ghalhekk kien ben konsapevoli ta' proceduri kriminali u din ma kinitx l-ewwel esperjenza tieghu. Huwa inghata t-twissija skont il-ligi u huwa evidenti li l-imputat irrilaxxja l-istess stqarrija b'mod volontarju.

Illi dwar il-hsarat Karim Cardona[11], impjegat ma' Continental Cars, ikkonferma Dok JB 7[12] li hija stima li ghamel huwa stess fl-4 ta' Ottubru 2007 u l-ammont huwa ta' €1,084.25.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz sal-grad rikjest mil-ligi hlief ghall-addebitu tar-recidiva kif se jigi indikat fil-paragrafu li jmiss. Infatti rrizulta li kien l-imputat li bil-pistola tal-arja registrata fuq ismu spara lejn il-vettura inkwistjoni liema vettura kienet parkeggjata barra quddiem ir-residenzi. Irrizulta wkoll li l-licenzja li ghandu l-imputat hija bhala arma ta' kollezzjoni biss. Oltre' dan il-hsara kagunata giet ippruvata wkoll.

Inkwantu ghall-addebitu tar-recediva fl-ewwel lok jigi nnutat li l-artikolu 289 imsemmi fl-akkuza ma japplikax ghall-fattispecie tal-kaz odjern. L-Ufficjal Prosekutur esebixxa l-fedina penali ta' l-imputat kif ukoll is-sentenza moghtija fit-28 ta' Lulju 2003. F'din is-sentenza hemm il-konnotati tal-persuna li fil-konfront taghha nghatat is-sentenza in kwistjoni, liema konnotati, ghajr ghar-residenza tal-imputat, huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna. B'hekk il-Qorti ma ghandu jkollha ebda dubju li s-sentenza in kwistjoni nghatat fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna. Minn din l-istess sentenza jirrizulta li l-imputat kien tpogga taht ordni ta' probation. Ghalhekk a tenur ta' dak deciz fis-sentenza **Pulizija vs Stephen Zahra** mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' April 2008, liema

[11] Seduta tad-19 ta' Settembru 2012
[12] A fol 31 tal-process

insenjament tqis li ghandu japplika anki ghall-kaz odjern, din is-sentenza mhix se tigi kkunsidrata ai fini ta' recediva.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti tqis n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat liema reati kienu ta' natura serja ghaliex l-imputat anki jekk dak allegat minnu huwa veru qatt ma kellu jiehu l-ligi b'idejh. Il-Qorti rat ukoll il-fedina penali tieghu u l-fatt li l-imputat kellu problema tad-droga u segwa anki programm ta' riabilitazzjoni. Il-Qorti tqis li m'ghandhix timponi piena karcerarja effettiva ghaliex dan il-kaz sehh kwazi tmien snin ilu u jirrizulta li l-imputat minn dak iz-zmien 'l hawn indirizza l-problemi tieghu. Inoltre' tirrileva li inkwantu ghal reat taht il-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 45C tal-Kapitolu 33 li jipprojbixxi fost ohrajn li tigi imposta sentenza sospiza, gie mizjud wara li sehhew dawn ir-reati u ghaldaqstant ma jsibx l-applikazzjoni tieghu f'dan il-kaz. Ghaldaqstant tista' tinghata sentenza sospiza fil-konfront ta' l-imputat.

Ghal dawn il-motivi din  il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-addebitu tar-recidiva u b'hekk tilliberah minnu, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 5(1)(7), 12 u 55(a), tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 24(1)(2) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre ai termini ta' l-artikoli 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-corpus delicti, f'dan il-kaz l-arma (pistola tal-arja) tal-ghamla GAMO bin-numru 04-4C-003575-03 li giet ezebita bhala Dok JB3.

Inoltre' ai termini ta' l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeghda thassar il-licenzja ta' l-imputat mahruga taht dan l-Att u tipprojbixxi lil JeanFred Vella milli jkollu licenzja taht dan l-istess imsemmi Att ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat